# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 262/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Abubakar Ibrahim Jabril**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Abubakar Ibrahim Jabril**, detentur tal-Karta tal-identita' bin-Numru 83283(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 ta' April 2016 bejn l-għaxra ta' filgħodu u s-sagħtejn ta' wara nofsinnhar (10:00hrs-14:00hrs) ġewwa l-istabbiliment ta' "Tiger Bar" fil-Marsa u f'dawn il-Gżejjer:

1. inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 630 Michael Magro u PC 1610 Noel Buhagiar inkarigati skont

il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx bħala vjolenza pubblika kontra PC 630 Michael Magro u PC 1610 Noel Buhagiar inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu jew diġa' kienu aġixxew għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' PC 630 Michael Magro f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq PC 630 Michael Magro hekk kif iċċertifikat Dr. Monica Camilleri (Reg. Med. 3377) minn ġewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, u dan bi ksur ta' Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb konta PC 630 Michael Magro u PC 1610 Noel Buhagiar sabiex jinġurjahom jew jagħmlilhom ħsara u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet

ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Ġunju 2018 fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu (u anqas tal-addebitu tar-reċidiva) u minnhom illiberatu, wara li rat Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatu sena priġunerija u multa ta' erbat elef Euro (€4000), liema multa kellha titħallas fi żmien sitt xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza altrimenti kienet ser tkun konvertita fi priġunerija. Il-Qorti ħeġġet lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex immedjatament kif l-imputat jiskonta s-sentenza ta' priġunerija jkun ripatrijat f'art twelidu.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha fejn instabet ħtija fuq it-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u sussegwentement tilliberah minnha, u tikkonfermaha fir-rimanenti. Alternattivament jekk it-talba ta' fuq ma tintlaqax tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena ta' priġunerija nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li huwa ma setax jifhem għala l-Pulizija kienu qed jarrestawh għaliex hu ma kienx il-persuna li l-Pulizija kienu qegħdin ifittxu. Jgħid li għandu problemi fis-saħħa mentali u ppanikkja u beda jsabbat rasu mal-ħajt. Jisħaq li l-Pulizija ġibdulu xagħru u qaċċtulu żewġ *dreadlocks* minn rasu u li hu beda jwerżaq bl-uġigħ u id il-leminija ta' PC 630 Michael Magro ġiet maġenb ħalqu (ħalq l-appellant) u laqtitu snienu. Jgħid li fl-ebda ħin ma kien hemm il-gidma li qalu l-Pulizija. Jargumenta li fiċ-ċertifikat mediku ma hemmx miktub li l-ġerħa kienet riżultat ta' gidma u li qasma ta' ċentimetru ma tistax tkun riżultat ta' gidma u jrid ikun hemm il-marki tas-snien. Jisħaq li l-Pulizija użaw forza aktar milli kienet indispensabbli u wara ndunaw li ma kienx il-persuna li riedu. Fl-istess aggravju, l-appellant jgħid li hu f'ebda ħin ma attakka jew għamel reżistenza, li huma elementi li jidhru f'Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jagħlaq l-aggravju billi jgħid li quddiem l-Ewwel Qorti ma kienx assistit minn avukat ħlief meta kienu kważi spiċċaw il-proċeduri.

Illi dwar il-parti tal-ewwel aggravju fejn ingħad li l-appellant ma kellux assistenza ta' avukat ħlief fl-aħħar, din il-Qorti tinnota li l-provi dwar dan il-każ quddiem l-Ewwel Qorti nstemgħu f'seduta waħda ċioè dik miżmuma fl-4 ta' Ġunju 2018 u dakinhar stess ingħatat is-sentenza. Fil-verbal tas-seduta msemmija (*a fol. 7 et seq.*) hemm imniżżel li meta ssejħet il-kawża deher l-appellant assistit minn avukat u hemm imniżżel ukoll li deher l-Uffiċjal Prosekutur ukoll. Mill-istess verbal jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħatret interpretu mil-lingwa Maltija għal dik Ingliża u l-persuna hekk maħtura ħadet il-ġurament neċessarju. Mill-istess verbal jirriżulta li kien wara li sar dan kollu li l-Ewwel Qorti bdiet tisma'

x-xhieda. Għaldaqstant ma jirriżultax li l-appellant huwa korrett meta jgħid li ma kienx assistit minn avukat ħlief fl-aħħar.

Illi dwar il-bqija tal-ewwel aggravju din il-Qorti tinnota li hija ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk minn tali provi hija setgħet tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Degabriele (**Numru 430/13) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "6. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti."

Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati biss tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. Din l-imputazzjoni taqa' taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan ir-reat, il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk fin-Noti tiegħu:

> *"The first element of this crime consists in an attack or resistance. [...] It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of the lawful orders of the competent authorities that the crime of attack or resistance with which we are now dealing can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those who are charged therewith. [...]*

> *Such attack or resistance must be made with <u>violence</u> or active force."*

Aktar tard il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid hekk:

> *"[...M]ere insults or threats without the actual use of force would not be sufficient."*

Illi fir-rigward tar-reat taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Attard**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali jrid ikun hemm mhux biss attakk jew oppożizzjoni ossia reżistenza kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, iżda wkoll li dana l-attakk jew reżistenza isir bi vjolenza jew b'ħebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompeteni. Meta uffiċjal tal-Pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi ħadd, jew ikun effettivament qed jipproċedi biex jarresta lil xi ħadd, jew ikun ġa' arresta u qed iżomm lil xi ħadd arrestat, huwa jkun ċertament qiegħed jesegwixxi l-liġi. Iżda meta uffiċjal tal-Pulizija jkun qiegħed jipprova jipperswadi lil xi ħadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u għalhekk mingħajr ma dak il-Pulizija jeżerċita s-setgħa tiegħu li jarresta, ma jistax jingħad li dak il-Pulizija jkun qed jaġixxi "għall-esekuzzjoni tal-ligi" fis-sens ta' l-Artikolu 96, għalkemm huwa jkun qiegħed jagħmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95."

Illi mbagħad fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** (Numru 130/2002), l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dana l-Artikolu [Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku" (l-istess bħalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed taġixxi <u>għall-esekuzzjoni tal-liġi</u> jew <u>ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorita' kompetenti</u>". Din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan <u>is-servizz</u>, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-<u>esekuzzjoni ta' dan is-servizz</u>"."

Illi fir-Rikors tal-appell jingħad li l-Pulizija avviċinaw lill-appellant meta suppost avviċinaw lil ħaddieħor. Minkejja dan, jirriżulta li l-Pulizija identifikaw ruħhom bħala Pulizija tal-Immigrazzjoni u talbuh id-dokumenti ta' identifikazzjoni tiegħu u li l-appellant ma kellux dawn id-dokumenti.

Illi l-appellant jisħaq li l-Pulizija weġġgħuh minħabba li ġibdulu żewġ *dreadlocks* minn xagħru. Minkejja li l-appellant jgħid li kellu xi problemi ta' saħħa mentali iżda ma tressqet ebda prova li ma kienx jaf x'qed jagħmel waqt l-arrest.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, hija l-fehma tal-Qorti li l-elementi ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżultaw imqar jekk fil-mira tal-Pulizija seta' kien hemm persuna oħra. L-appellant irreżista lill-uffiċjali tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom meta bi ftit tal-ko-operazzjoni tiegħu kienu joħorġu l-fatti biċ-ċar u ma kien jinqala' xejn. Il-Pulizija kienu qed jippruvaw ukoll jikkontrollaw lill-appellant milli jkompli jagħti b'rasu mal-ħajt għax dan kien ifisser dannu kbir għal saħħtu. Il-Qorti ma teskludix li l-Pulizija setgħu ġibdulu xagħru huma u jippruvaw irażżnuh biex jidħol fil-vettura iżda dan kollu sar waqt it-trażżin tal-appellant mill-Pulizija u sabiex hu ma jkomplix jagħmel ħsara lilu nnifsu u jidħol fil-vettura. Dwar il-gidma din il-Qorti tinnota li ma hemmx dubju dwarha għaliex il-provi ma

jirriżultawx mill-eżami tat-tabib biss. Hemm xhieda okulari li raw x'seħħ u wieħed ħass ukoll il-gidma f'idu.

Illi b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni tagħha b'mod korrett u li hija kienet korretta wkoll meta sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u għaldaqstant l-ewwel aggravju qed ikun miċħud

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jgħid li din il-piena hija waħda sproporzjonata u eċċessiva. Jisħaq li hu kien arrestat erronjament u li l-piena minima li setgħet tingħata kienet dik ta' sitt xhur priġunerija. Jgħid li hu ma għandux ikun ripatrijat minħabba li qed jirċievi kura medika kontinwa mill-Isptar Monte Carmeli u li jekk jiġi ripatrijat ser jitlef din il-kura. Jgħid li hu fl-ebda ħin ma kien qed jimxi kontra l-liġi u li beda sempliċement isaqsi lill-Pulizija r-raġuni għaliex kienu qed jarrestawh.

Illi dwar dan l-aggavju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha. Il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet dik ta' sena priġunerija u multa ta' erbat elef Euro (€4000). Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li fir-rigward ta' sejbien ta' ħtija l-persuna akkużata għandha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u multa ta' mhux anqas minn erbat elef Euro (€4000) u mhux iżjed minn għaxart elef Euro (€10,000). Filwaqt li fir-rigward tal-multa erogata mill-Ewwel Qorti din hija fil-minimu li setgħet timponi l-Qorti msemmija, fir-rigward ta' sena priġunerija li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant din il-Qorti hija tal-fehma li dan it-terminu ta' priġunerija għandu jiġi mnaqqas sabiex jirrifletti dak li wassal sabiex l-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fir-rigward tal-ordni tal-Ewwel Qorti fejn fis-sentenza appellata ħeġġet lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex immedjatament kif l-appellant jiskonta s-sentenza ta' priġunerija jkun ripatrijat lejn art twieldu, din il-Qorti tħalli din id-diskrezzjoni f'idejn l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni skont il-poteri mogħtija lilu bis-saħħa ta' Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew il-Ministru tal-Immigrazzjoni skont Artikolu 22(1) tal-istess Kapitolu u għal dan il-għan ser tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-istess Uffiċjal Prinċipali tal-Imigrazzjoni u l-Ministru tal-Immigrazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Abubakar Ibrahim Jabril u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu u anqas tal-addebitu tar-reċidiva u li minnhom illiberatu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu;

- tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' erbat elef Euro (€4,000) li għandha titħallas fi żmien sitt (6) xhur mil-lum u f'każ li ma titħallasx tiġi konvertita fi priġunerija;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sena priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellant għal piena ta' seba' (7) xhur priġunerija.

Finalment din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u l-Ministru tal-Immigrazzjoni u dana minħabba r-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**